10 ta' Ottubru, 1950.

Imhallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Teresa Zammit pr. et ne. *versus* Ganni Zammit pr. et ne.

**Dikjarazzjoni ta' Avukat jew Prokuratur Legali — Verbal — Perit Legali — Art. 695 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Kull dikjarazzjoni jew allegazzjoni, magħmula bil-fomm jew bil-miktub minn avukat jew prokuratur legali, tista' titraġġa' lura per mezz ta' nota; basta ma jiġix pruvat illi l-avukat jew prokuratur legali kien għamel dik id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni b'inkariku speċjali tal-parti. Imma dan jista' jsir meta jkun jittratta minn pont ta' fatt, u mhux minn pont ta' dritt.*

*Għaldaqstant, jekk id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni magħmula mill-avukat jew prokuratur legali tkun erronea, jew magħmula taħt impressjoni ħażina, il-parti għandha ssofri l-konsegwenzi tal-iżball anki jekk tkun saret mingħajr inkariku speċjali tagħha, imma tkun tittratta minn pont ta' dritt.*

*Jekk imbagħad dik id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni tkun saret, mhux quddiem il-Qorti, imma b'verbal quddiem perit legali, l-istess dikjarazzjoni jew allegazzjoni wkoll ma tistax tiġi rtirata, jekk tkun kompatibbli ma' l-iskop ta' l-inkariku li jkun ġie mogħti mill-Qorti lill-perit legali. Għax jekk huwa veru li kull transazzjoni jew att ieħor li jsir b'verbal quddiem il-perit legali ma jorbotx lill-partijiet,*

*dan huwa veru biss għal meta l-partijiet jagħmlu xi transazzjoni jew att ieħor quddiem il-perit legali li dan ma jkunx irċieva mill-Qorti l-poter li jindaħal fihom, u mhux ukoll għal meta d-dikjarazzjoni tkun tirrigwarda skop li jidħol fil-poteri li l-perit legali rċieva mill-Qorti biex ikun jista' jespleta l-inkariku tiegħu.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet li Nicolina Zammit, mart il-konvenut u bint Vittorio Mallia, mietet mingħajr tfal fit-23 ta' April 1946, b'testment "unica charta" li għamlet ma' żewġha fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut tal-24 ta' Awissu 1945, li bih ħalliet bħala eredi tagħha lill-konvenut żewġha; u li Vittorio Mallia, missierha, li miet warajha fis-26 ta' Ġunju 1947, għandu dritt għal-leġittima fuq il-beni ta' bintu Nicolina Zammit, korrispondenti għal terz tal-beni li din ħalliet; u li l-komunjoni ta' l-akkwisti kontrattata bejn il-konvenut u martu, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia tas-26 ta' Diċembru 1932, ġiet xjolta bil-mewt ta' Nicolina Zammit; wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, talbet, għall-fini tal-likwidazzjoni tal-leġittima dovuta lill-instanti bħala unika eredi ta' missierha Vittorio Mallia fuq il-wirt ta' Nicolina Zammit, li tiġi ordnata l-likwidazzjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejn il-konvenut u martu, li ġiet xjolta bil-mewt ta' martu, billi tiġi dikjarata tikkonsisti f'dawk il-beni u sustanzi li jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża, u li din il-komunjoni ta' l-akkwisti, hekk likwidata, tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet indaqs, billi waħda tiġi assenjata lill-konvenut u l-oħra lill-assi ereditarju ta' Nicolina Zammit; u jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Nicolina Zammit, u jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti u f'dawk il-beni u sustanzi oħra li jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża; u li tiġi likwidata l-leġittima dovuta lill-attriċi bħala unika eredi ta' missierha Vittorio Mallia fuq il-wirt ta' l-imsemmija Nicolina Zammit, bintu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Awissu 1949, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-assi partikulari ta' Nicolina Zammit, kif ġà ntqal, jidher li l-beni dotali, li din a ħadet

b'dota fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha, fil-biċċa l-kbira tagħhom għadhom jinsabu in natura. Hekk baqgħu jeżistu (1) il-fond nru. 11 Strada San Basilio. Mqabba; (2) il-mobilja kollha..................;

Illi skond verbal meħud mill-perit legali fis-seduta tal-25 ta' Jannar 1950, il-partijiet qablu u riedu li l-fond fuq imsemmi jiġi stmat mill-istess perit, billi dan jikkapitalizza bit-3% l-kera tiegħu ta' £7 fis-sena kif ġie dikjarat fil-Land Valuation Office b'ċertifikat tal-21 ta' Jannar 1950 (dok. E, fol. 25). Uniformement għal dak il-verbal, il-perit legali ġieb il-valur ta' dak il-fond fis-somma ta' £233. 6. 8. Jirriżulta li l-valur tal-mobilja dotali..................;

*Omissis;*

Illi għalhekk l-attiv nett ta' l-assi partikulari ta' Nicolina *Zammit* iġib l-ammont ta' £314. 2. 2. B'hekk jiġi li l-valur ta' l-attiv kollu nett tal-beni ġa appartenenti lil Nicolina Zammit jikkonsisti fis-somma totali ta' £476. 10. 2½, jew is-somma fuq imsemmija ta' £314. 2. 2 u s-somma ta' £162. 8. 0½, nofs l-attiv nett ta 'l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ingħad aktar 'il fuq, fis-seduta tal-25 ta' Jannar 1950, quddiem il-perit legali sar verbal (fol. 18) li bih il-partijiet qablu illi l-perit legali kellu jistma l-post ta' l-Imqabba, *St. Basil* Street no. 11, billi jikkapitalizza bit-3% l-kera ta' £7 fis-sena. Effettivament il-perit legali uniforma ruħu għal dak *il-verbal*, u *ġieb* l-istima ta' dak il-fond fis-somma ta' £233. 6. 8 fuq imsemmija. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 1950, jiġifieri wara li ġiet preżentata u maħlufa r-relazzjoni tal-perit legali, u kwindi saret aċċessibili għall-partijiet, id-difensur ta' l-attriċi, l-Avukat Dr. Tommaso Fenech, talab illi l-Qorti tinnomina *perit* biex jistma dak il-fond; imma l-konvenut per mezz ta' l-avukat tiegħu opponi ruħu għal dik *it-talba in vista tal-ftehim* magħmul bil-verbal fuq imsemmi tal-25 ta' Jannar 1950. Dr. Fenech xehed li dak il-verbal sar minnu biss, minn jeddu, u fl-assenza ta' l-attriċi; u li huwa għamlu biss għaliex qabel mad-difensur tal-konvenut illi kien sejjer ikun hemm ir-reversjoni legali tal-fond, kif ukoll biex jiġu evitati spejjeż ta' perit arkitett. Dina ċ-ċirkustanza hija korroborata mill-perit legali fir-relazzjoni tiegħu (fol. 48). B'nota tal-15 ta' April

1950, l-Avukat Dr. Fenech, difensur ta' l-attriċi, għall-finijiet ta' l-art. 695 tal-Proċedura Ċivili, irtira dak li huwa kien iddikjara fis-seduta tal-25 ta' Jannar 1950, quddiem il-perit legali, u ġieb bħala raġuni li dik id-dikjarazzjoni tiegħu kien għamilha minn jeddu u mingħajr inkariku ta' l-attriċi. Huwa reġa' talab in-nomina ta' perit arkitett biex jistma l-fond, u l-konvenut, per mezz tad-difensur tiegħu, mill-ġdid oppona t-talba;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan ir-rigward tnejn huma l-kwistjonijiet li għandhom jiġu eżaminati:— 1. Jekk l-Avukat Dr. Fenech, difensur ta' l-attriċi, jistax in linja ġenerali jirtira d-dikjarazzjoni fuq imsemmija, magħmula minnu; u 2. Jekk ma jistax b'mod ġenerali, hijiex ritirabili d-dikjarazzjoni fuq imsemmija in vista li ġiet magħmula f'seduta quddiem perit legali, u mhux fl-udjenza quddiem il-Qorti;

Illi, fuq l-ewwel kwistjoni, skond l-art. 695 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15), kull dikjarazzjoni jew allegazzjoni magħmula bil-fomm jew bil-miktub minn avukat jew prokuratur legali, tista' titraġġa' lura bil-mezz ta' nota........ basta li ma jiġix pruvat illi l-avukat jew il-prokuratur legali kien għamel id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni b'inkariku speċjali tal-parti. Kif għallmet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Borg vs. Grima" fit-8 ta' Marzu 1940, dina d-dispożizzjoni hija evidentement bażata fuq il-motiv illi l-parti ma għandhiex tkun preġudikata minn xi dikjarazzjoni erronea fuq xi "punto di fatto" li jkun għamel l-avukat bħala difensur tagħha u fl-esplikazzjoni tad-doveri tiegħu mingħajr ma kellu l-inkariku mill-parti fuq dan il-pont;

Minn dak li ġie ritenut fis-sentenza li ssemmiet jidher li jrid ikun jittratta minn "punto di fatto", u mhux minn pont ta' dritt. Hekk ukoll jingħad fil-liġi (art. 695 (2) — tant fit-test Malti "allegazzjoni ta' fatt", kemm fit-test Ingliż "statement of fact"). Issa jingħad mill-ewwel li l-avukat ta' l-attriċi, b'dak il-verbal, ma għamel ebda dikjarazzjoni jew allegazzjoni ta' fatt, imma biss u sempliċement huwa "qabel" u "ried", ma' l-avukat tal-konvenut, illi l-fond jiġi stmat mill-perit legali per mezz ta' kapitalizzazzjoni tal-kera tiegħu. Għalhekk dina l-kwistjoni, bħala tali, sollevata mill-attriċi,

*ma tidħolx proprjament* f'dik kontemplata fid-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija;

Però, għal kwalunkwe fini li jista' jkun hemm, sejjer jiġi kunsidrat illi l-avukat ta' l-attriċi bil-verbal ta' dik is-seduta għamel "dikjarazzjoni". Mhux kontrovers li d-dikjarazzjoni ta' l-avukat Dr. Fenech saret, fiha nnifisha, fuq kwistjoni ta' *fatt, jiġifieri fuq kemm jiswa l-fond ġa msemmi*; lanqas hu kontrovers li fis-seduta tal-25 ta' Jannar 1950, l-attriċi ma kienetx *preżenti, għad li ġie msemmi* fil-verbal li dik id-dikjarazzjoni saret mill-partijiet. L-avukat ta' l-attriċi ma kellu ebda inkariku speċjali minn għandha biex jagħmel dik id-dikjarazzjoni; però, *kif xehed huwa stess* (fol. 60), huwa ma kellu ebda limitazzjoni, u kwindi lanqas xi inkariku speċjali Imma meta u fil-ħin li huwa għamel dik id-dikjarazzjoni, l-avukat ta' l-attriċi *ma kien qiegħed* jieħu ebda żball, u ma kien b'xejn qiegħed jippreġudika lill-attriċi klijenta tiegħu anzi huwa kien qiegħed jibbenefikaha billi xtaq jevitalha spejjeż kemm jista' jkun. L-iżball u l-preġudizzju rriżultaw bis wara li l-perit legali ppreżenta r-relazzjoni tiegħu; u dan kif sejjer jingħad. Kif xehed huwa stess (fol. 60), l-avukat ta l-attriċi għamel dik *id-dikjarazzjoni* għaliex kien taħt l-impressjoni li kienet sejra topera ruħha favur l-attriċi r-reversjoni legali — liema impressjoni huwa sab li kienet erronea wara li ġiet preżentata *r-relazzjoni tal-perit* legali, fejn ġiet esklu. ża r-reversjoni legali. Għalhekk, għad li d-dikjarazzjoni ta' l-avukat ta' l-attriċi kienet fiha nnifisha fuq kwistjoni ta' fatt, in realtà dik *id-dikjarazzjoni kienet fuq* kwistjoni ta' dritt, jew aħjar derivanti minn kwistjoni ta' dritt. Konsegwentement ma jidherx li l-avukat ta' l-attriċi jista' jirtira dik iddikjarazzjoni li għamel f'isimha;

Veru li l-attriċi tista' tiġi preġudikata minn dik id-dikjarazzjoni; imma dik id-dikjarazzjoni dderivat ruħha minn impressjoni erronea tal-liġi, minn *kwistjoni ta' dritt da parti ta'* l-avukat, li hija qatt ma setgħet tidħol fil-meritu tagħha u tagħti fuqha xi informazzjoni lill-avukat tagħha. Jekk kien hemm dikjarazzjoni erronea fuq kwistjoni *ta' dritt*, jew magħmula minħabba impressjoni erronea ta' dritt ta' l-avukat tagħha, l-attriċi għandha ssofri l-konsegwenzi; għaliex fil-ġurisprudenza Maltija l-avukat huwa miżmum bi *prokuratur* tal-

klijent għal kull kawża li dan jafdalu (P. A. 14. 2. 1935, "Zammit utrinque", Vol. XXIX — II — 328; 8. 2. 1936, "Sutch vs. Cini", Vol. XXIX — II — 768). F'din l-aħħar sentenza ġie ritenut li l-ommissjoni ta' l-avukat li ma jippreżentax fit-terminu n-nota ta' l-eċċezzjonijiet għandha tiġi rigwardata bħalli kieku kienet ommissjoni tal-klijent tiegħu;

Dan ifisser li għal dak li jirrigwarda kwistjonijiet legali u proċedurali, kwalunkwe ħaġa li l-avukat jagħmel, anki b'konjizzjoni jew impressjoni erronea, hu responsabili għaliha l-klijent tiegħu. Konsegwentement, u b'analoġija, l-attriċi hija responsabili għad-dikjarazzjoni li għamel l-avukat tagħha; għax kif intqal, din ma kienetx tirrigwarda kwistjoni ta' fatt li hu għamel mingħajr inkariku tagħha, imma kwistjoni ta' dritt jew konsegwenzjali għal kwistjoni ta' dritt, li, ukoll kieku kienet preżenti, l-attriċi ma kienetx tindaħal fiha, jew, f'każ li kienet tiġi avviċinata mill-avukat, kienet taderixxi għaliha, għax biha kienet sejra tivvantaġġja ruħha, billi tevita spejjeż jew tnaqqashom, u billi kien hemm il-ħsieb li kienet sejra topera favur tagħha r-reversjoni legali. Huwa ċar li l-avukat ta' l-attriċi dik id-dikjarazzjoni ma kienx jagħmilha kieku nduna li fil-każ ta' dina l-kawża ma setgħetx topera dik ir-reversjoni legali favur l-attriċi. U għalhekk l-avukat ta' l-attriċi ma jistax jirtira dik id-dikjarazzjoni li għamel fis-seduta tal-25 ta' Jannar 1950. quddiem il-perit legali;

Illi fuq it-tieni kwistjoni, huwa fatt li d-dikjarazzjoni fuq imsemmija ġiet magħmula b'verbal mhux fl-udjenza u seduta quddiem il-Qorti, imma b'verbal quddiem il-perit legali; u hekk tqum id-diffikultà jekk dikjarazzjoni simili minn avukat f'isem il-klijent tiegħu. magħmula tant fuq kwistjoni ta' dritt jew ta' fatt, torbotx lill-parti li għaliha jkun għamilha l-avukat, u konsegwentement jekk tistax tiġi rtirata;

Dina l-kwistjoni, jiġifieri jekk il-verbal miktub minn għand il-perit f'waħda mis-seduti miżmuma minn għandu taħt dikjarazzjonijiet tad-difensuri jorbotx lill-partijiet, ġiet żvolta u definita mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Ebejer vs. Degabriele" fid-9 ta' Novembru 1936 (Vol. XXIX — I — 768). Dik il-Qorti rriteniet illi verbal li jsir quddiem il-perit ma jistax jiġi ekwiparat għal dak li jsir quddiem il-Qorti. Però, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, dan jista' jingħad biss għal

*meta quddiem il-perit* il-partijiet jagħmlu xi *transazzjoni jew xi att ieħor li l-istess perit* ma jkunx irċieva mill-Qorti *l-poter li jindaħal fih.* Infatti l-proċedura quddiem perit hija *proċedura speċjali,* li fiha l-perit jiġi delegat b'ċerti *poteri* mill-ġudikant; u għalhekk quddiem il-perit legali jistgħu jingiebu u jintagħmlu mill-partijiet dikjarazzjonijiet li jkunu kompatibili ma' l-iskop ta' l-inkariku li jkun ġie mogħti lilu. Għal kwalunkwe ħaġa oħra li tkun *barranija* għal dak l-iskop, kull dikjarazzjoni li ssir b'verbal quddiem il-perit legali ma torbotx lill-partijiet; u *biex dawn* jintrabtu biha jkun meħtieġ li *huma jitolbu li l-kawża tiġi quddiem* il-Qorti *biex quddiemha jsiru dawk id-dikjarazzjonijiet.* Fil-każ in eżami l-perit legali ġie *nominat* biex jillikwida l-assijiet in kwistjoni u *jipproponi pjan* ta' diviżjoni skond kif hemm imniżżel fit-talba (fol. 12). U fiċ-ċitazzjoni ġiet mitluba, fost ħwejjeġ oħra, il-likwidazzjoni ta' l-assi partikulari ta' Nicolina Zammit, u likwidata l-leġittima dovuta lill-attriċi bħala unika eredi ta' missierha. Għal dan l-iskop lill-perit ġew mogħtija s-setgħat kollha li soltu jingħataw lill-periti. Issa huwa ċar li biex isiru l-likwidazzjonijiet u *l-pjan tad-diviżjoni,* u tiġi stabbilita l-leġittima, *kien meħtieġ* li ssir stima tal-beni, fosthom ta' *l-immobili fuq imsemmi,* u biex issir din l-istima *kien meħtieġ ukoll* li jiġi *nominat* perit. Għalhekk il-perit legali *seta' jidħol* fil-kwistjoni ta' l-istima, għaliex huwa rċieva l-poter mill-ġudikant ħalli jagħmilha hu, u ma kellux indikat fid-digriet tan-nomina li f'każ li jkun meħtieġ kellu jadopera stima magħmula per mezz ta' ħadd ieħor tekniku. Billi kien jittratta minn beni stabili, u l-perit legali ma setax jagħmel dik l-istima huwa stess, evidentement kellu *bżonn* jirrikorri lejn persuna teknika biex tagħmel dik *l-istima.* Imma bil-verbal ġa msemmi l-partijiet, "biex *jiġu evitati spejjeż* oħra" (fol. 41), "qablu u riedu" *li l-perit legali jistma* l-fond ta' l-Imqabba *billi jikkapitalizza* l-kera tiegħu bit-3% (fol. 34). Dina hija ħaġa *li l-partijiet* setgħu jagħmluha, u fil-fatt saret b'akkordju *reċiproku,* u li l-perit legali seta' jindaħal fiha, għax kienet kompriża fl-inkariku tiegħu; u għalhekk dak il-verbal għandu jiġi kunsidrat li sar "in judicio". Għalhekk id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat ta' l-attriċi, avvolja f'seduta quddiem il-perit legali, fiċ-ċirkustanzi ta' dina l-kawża ta' ma tistax tiġi rtirata;

Għal dawn ir-raġunijiet; u għal dawk tal-perizja legali sakemm huma kompatibili;

Prevja ċ-ċaħda tat-talba għan-nomina ta' perit biex jistma l-fond, magħmula fis-seduta tat-23 ta' Marzu 1950, u d-dikjarazzjoni li ma huwiex ritirabili dak li l-avukat ta' l-attriċi ddikjara fis-seduta tal-25 ta' Jannar 1950, quddiem il-perit legali;

Tiddeċidi billi (1) tillikwida l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Nicolina Zammit u l-konvenut fil-beni fuq imsemmija fl-attiv nett ta' £324. 16. 1; (2) taqsam dina l-komunjoni, hekk likwidata, f'żewġt ishma ndaqs, ta' £162. 8. 0½ il-waħda, u tassenjahom waħda lill-konvenut u l-oħra lill-assi ereditarju ta' Nicolina Zammit; (3) tillikwida l-assi partikulari ta' Nicolina Zammit fil-beni ġà msemmijin 'il fuq, fl-attiv nett ta' £314. 2. 2; (4) tillikwida l-leġittima dovuta lill-attriċi, fil-kwalità li tidher fiha, fis-somma ta' £158. 16. 8 5/6;

L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu in kwantu għal terz mill-attriċi, u in kwantu għal żewġ terzi mill-konvenut.